**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
**B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,**
**M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Audrey Micallef)**
**vs**
**David Mizzi**

**Illum 27 t'Ottubru 2021**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra:

David Mizzi ta' 41 sena, iben Joseph Mizzi u Emanuela nee' Busuttil, imwieled ġewwa l-Pieta' nhar l-20 ta' Mejju 1980 u residenti ġewwa Nr 3, Sqaq il-Vittorja, Żejtun u detentur ta' karta ta' l-identita' bin-numru 0334080(M);

Akkużat talli nhar il-25 ta' Lulju 2021 bejn is-7:00pm u t-8:30pm ġewwa ż-Żejtun,

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Angie Schembri f'perikolu ċar, volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioe' offiża ta' natura gravi fuq is-sieħba tiegħu, l-istess Angie Schembri, hekk kif iċċertifikaha Dr. Anton Bugeja (Med Reg. 2466) miċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Raħal Ġdid;

2. Insultenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lis-sieħba tiegħu, u cioe' Angie Schembri;

Il-Qorti ġiet mitluba f'każ ta' ħtija, biex tipprovdi għall-persuni ta' Angie Schembri u l-familjari tagħha jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil David Mizzi b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal zmien li tħoss xieraq.

Rat l-atti tal-kawża u d-dokumenti eżebiti u cioe', fedina penali, estratt miċ-ċertifikat tat-twelid, stqarrija, dikjarazzjoni ta' rinunzja ghad-dritt tal-parir legali mal-avukat, stqarrija, rapport ta' l-Aġenzija Appoġġ u okkorrenza.

Rat li l-Uffiċċjal Prosekutur l-Ispettur Audrey Micallef qrat u ikkonfermat bil-ġurament l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 27 ta' Ottubru 2021.

Semgħet l-ammissjoni ta' l-imputat għall-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tiegħu u kif reġistrata quddiem din il-Qorti kif preseduta nhar is-27 ta' Ottubru 2021.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba tieghu u tatu żmien xieraq biex jekk irid, jista' jerġa' lura minnha u fil-fatt huwa reġa' tenna l-istess ammissjoni tiegħu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena mill-partijiet.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti qed tieħu in konsiderazzjoni għal dak li jirrigwarda l-piena, il-fedina penali u l-ammissjoni ċara u inekwivoka u bikrija tal-imputat, u għalhekk il-Qorti ma kelliex għalfejn taħli iżjed żmien sabiex tisma' iktar provi, oltre l-verbal datat 27 ta' Ottubru 2021 tal-parte civile u ta' l-Uffiċċjal Prosekutur.

**Decide:**

**Il-Qorti, għalhekk fuq ammissjoni ta' l-imputat David Mizzi u wara li rat l-Artikoli 214, 216, 218, 222(1)(a), 202(h)(v)(vii), 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijeit ta' Malta qed issib lill-imputat David Mizzi ħati ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tiegħu u timponi ordni ai termini ta' l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u torbot lill-ħati b'obligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' elf u mitejn Ewro (€1200) għal żmien sena mil-lum milli jkellem jew javviċina lil Angie Schembri.**

**Il-Qorti fehmet bi kliem ċar u li jinftiehem il-portata ta' din l-ordni u l-konsegwenzi li l-ħati jkollu jaffaċċja fil-każ li huwa jonqos milli jwettaq din l-ordni skont kif ordnat lilu.**

**Il-Qorti qed tibgħat l-atti flimkien ma' din is-sentenza lill-Avukat Ġenerali ai termini tal-Liġi.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Maġistrat**

**Dr Federico Barbaro-Sant**
**Deputat Reġistratur**